Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Ottubru 2025**
**(OR. en)**

**14648/25**

**SOC 709**
**EMPL 469**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sa Vera ÁCS, membru supplenti għall-Ungerija, minflok is-Sa Andrea MAGYAR, li rriżenjat<br>- *Adozzjoni* |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Andrea MAGYAR, bħala membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija msemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem (għall-Ungerija).

2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75[1], il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

[1] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope nnominat lis-Sa Vera ÁCS għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jagħti parir lill-Kunsill:

   (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, kif tinsab fid-dokument 14649/25, u

   (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.